MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2010

Numru. 685/2006

**IL- PULIZIJA**
**SUPRETENDENT PAUL VASSALLO**
**KONTRA**

**TOMMASSO SEYCHELL**
**SALVINA SEYCHELL**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Tommasso Seychell ta’ 85 sena, bin Francesco u Dorothea nee’ Galea, mwieled Vittoriosa, fl- 24 ta’ Frar 1925, residenti fil- fond Block 1, Numru 10, Triq De Opertis, Birgu u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 179525(M);

U

Salvina Seychell ta' 53 sena, bint Anthony Muscat u Mary nee' Brincat, mwielda Birzebbugia nhar it- 12 ta' Dicembru 1956, residenti fil- fond Numru 13, 'Is- Sienja', Triq il-Luqqata, Kalkara u detentrici tal- Karta tal- Identita' bin-numru 17957(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) F' dawn il-Gzejjer f' dawn l-ahhar hames snin b' diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda;

2) Wettqu kummerc bankarju jew ta' hrug ta' flus elettronici f' Malta jew minn Malta meta ma kienux kumpanija licenzjata taht l- Att dwar il- Kummerc Bankarju mill- Awtorita' kompetenti ai terminu tal- Artikolu 5 tal-Kapitolu 371 u A.L. 155/1999 kif emendat bl- A.L. 385/2003;

3) Wettqu kummerc ta' Istituzzjoni Finanzjarja f' Malta jew minn Malta u dan ai terminu tal- Artikolu 3 tal-Kapitolu 376, Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji u A.L. 357/2002 kif emendat bl- A.L. 386/2003, billi nnegozjaw fi strumenti ta' swieq finanzjarji kif ukoll fi strumenti ohra finanzjarji li jistghu jigu trasferiti;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-istadju ta' provi difiza f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom

wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita' tisma' l-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni. Minn dawn il-provi ma hemm l-ebda dubju li z-zewg imputazzjonijiet irrizultaw ampjament ippruvati. Iz-zewg imputati, il-missier u bintu, kienu ilhom ghal diversi snin isarrfu cekkijiet ta' terzi u jzommu percentwali zghira fuq kull ammont, biex b' hekk fuq medda ta' zmien ghamlu qligh konsiderevoli. Dan kollu kien isir minghajr ma l-imputati kellhom il-permessi jew licenzji mehtiega mill-awtoritajiet koncernati. L-ebda prova mressqa mill-Prosekuzzjoni ma giet kontradetta jew kontestata b' xi mod mill-imputati. Ghall-kuntrarju, fl-istqarrija taghhom huma jammettu li kienu jsarrfu cekkijiet ta' terzi u jzommu xi haga tal-flus fuq kull cekk. Inoltre, il-Prosekuzzjoni esebiet faxxikoli shah ta' dokumenti li juru l-kontijiet bankarji tal-imputati u l-attivita' li kienet issir f' dan ir-rigward. Il-Prosekuzzjoni tellghet ukoll bhala prova lil numru konsiderevoli ta' persuni li kienu jsarrfu c-cekk taghhom ghand Seychell, biex b' hekk gie pprezentat kwadru dettaljat tal-attivita' finanzjarja u kummercjali li kienu organizzaw l-imputati.

Kwantu ghall-piena, il-Qorti osservat li dan ir-reat igib mieghu multa u konfiska tal-assi frott tar-rikavat illecitu. Minn kalkolu approssimattiv li ghamlet il-Qorti, l-assi li ghandhom jigu kkonfiskati jammontaw ghal hamsa w tletin elf Ewro (€35,000) li ghandu jigi maqsum bejn iz-zewg imputati. Il-multa sejra tirrispekkja l-involviment tal-imputati f' dan ir-reat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 5 tal-Kap 371, u 3 tal-Kap 376 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat Tommasso Seychell hati u ghaldaqstant tikkundannah multa ta' hmistax – il elf ewro (€15,000) u tordna l-konfiska tal-ammont ta' ghoxrin elf ewro (€20,000).
Issib lill- imputata Salvina Seychell hatja u ghaldaqstant tikkundannaha multa ta' hamest elef ewro (€5,000) u tordna l-konfiska tal-ammont ta' hmistax- il elf ewro (€15,000).

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------